GUDJA

Minuti tas-seba' laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera; | Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |
| Assenti: | Kunsillier; | Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 06/6 (30/11/2009)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett tal-Mitħna Housing Estate (Progress)

5. Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 09/10 (rapport)

6. Konfini tal-Gudja

7. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.30p.m.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu t-talba.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 06/6 (30/11/2009)**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tat-30 ta' Novembru 2009, li ġew ċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

1.2 Amenda:- Is-Sur Baldacchino għamel referenza għal paragrafu 6.3 tal-minuti u qal li flok il-kelma Kappillan għandha tidħol il-kelma Arċipriet.

Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din l-emenda.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Laqgħa ma' l-iSpettur taż-Żejtun. Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' l-ispettur li fiha iddiskuta s-sigurta tal-Gudja kif ukoll dwar il-pulizija li kienu meħtieġa għall-attivita ewlenija ġewwa l-Gudja fl-20 ta' Diċembru 2009 dwar il-villaġġ tal-Milied ġewwa l-Gudja.

2.1.2 Laqgħa dwar il-Power station. Is-Sindku qal li attenda għal din il-laqgħa bil-għan li ma tkomplix il-ħsara fl-ambjent li qed jiġi kaġġunat mill-Power Station.

2.1.3 Triq Fidloqqom Gudja. Is-Sindku qal li kif kien ġie maqbul fil-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2009 huma kien qabbad lid-ditta E & S Mifsud Ltd sabiex tagħmel dan ix-xogħol ta' bankina u asphalt. Is-Sindku qal li bi pjaċir jista' jinforma lill-Kunsill li dan ix-xogħol huwa lest sewwa u għalhekk kien qed jirrakkomanda li l-pagament intier għandu jiġi approvat waqt din il-laqgħa u l-kuntrattur jitħallas s-somma intiera ta' €8850.00 kif jidher fl-iskeda tal-pagamenti preżentata f'din il-laqgħa tal-Kunsill.

2.1.4 Għotien tax-xelters. Is-Sindku qal likien ferm sorpriż li MELITA MFG Co. Ltd. bagħatet l-quotation ta' €10,005.10 għal żewġ għotien tax-xelters meta qabel l-isess ditta indikat li l-ispiża għal ħames għotien kienet se tkun dik ta' €2071.84.

Is-Sindku qal li huwa kellu indikazzjoni li l-offerta l-għolja kienet minħabba li kien sejjer jintuża l-istainless steel filwaqt dik l-irħisa kien sejjer jintuża l-aluminium.

Is-Sindku qal li kien sejjer ikompli jagħmel stħarriġ dwar il-materjal meħtieġ u kien sejjer jerġa jkollu laqgħat mad-ditta Melita Mfg Co. Ltd sabiex jiċċaraw dawn l-affarijiet.

Is-Sindku qal li barra minn hekk huwa kien sejjer ifittex sorsi oħra li jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol meħtieġ bl-aktar prezz tajjeb u billi ukoll jużaw l-aħjar materjal meħtieġ skond il-ħtieġa li joffri l-aqwa sigurta lill-pubbliku.

2.1.5 ATM – HSBC. Is-Sindku qal li l-HSBC kienu qed jitolbu li l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni għat-talba tagħom sabiex ibaxxu l-bankina sabiex persuni bil-wheelchair ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-ATM minn fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel u approva din it-talba.

2.1.6 Allokazzjoni Finanzjarja 2010 – manutenzzjoni ta' toroq fil-Gudja. Is-Sindku qal li fl-allokazzjoni finanzjarja lill-Kunsill Lokali Gudja inqassma skond il-funzjonijiet tal-Kunsill, rigward il-manutenzzjoni ta' toroq hemm is-somma ta' €75,052 li għandha tintefaq speċifikament għal dan il-għan sal-31 ta' Diċembru 2010.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi dawn il-fondi jintefqu sabiex issir Triq Ħal Resqun, bil-bankina b'kollox u li jitkompla l-proġett ta' toroq fl-inħawi tal-Mitħna fuq is-sistema ta' major patching.

Waqt dan l-istadju l-Kunsill ħa fil-konsiderazzjoni tiegħu l-email tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li għandu jagħti tagħrif dwar

a. x'toroq hemm ippjanati li jsiru matul is-sena 2010 mill-allokazzjoni normali

b. jekk il-Kunsill hux interessat jidħol fil-PPP
c. jekk iva kemm il-triq huwa maħsub li jdaħħal f'dan it-tender tal-PPP
d. kemm hemm toroq residenzjali li għandhom ma sarux fil-lokalita

Wara diskussjoni ħareġ li fil-preżent toroq li ma sarux jew li għandhom bżonn jerġgħu issiru huma dawn kif sejjer jingħad:-

Triq Joseph Gravina, Triq l-Awrekarja, Service road fi Triq Ħal Għaxaq, Triq Ħal Tarxien, Triq Santa Katarina, Triq Joseph Pace, Triq id-Dejqa, Triq Filippu Castagna, parti minn Vjal it-Torri (din qatt ma saret), parti minn Triq il-Lewż (din qatt ma saret), Triq Toni Zammit (din qatt ma saret), Triq Bur Ġlat, Triq il-Kappillan, Triq Rużar Formosa, Triq iż-Żebbuġa, Triq San Pawl, Triq il-Fidwa, Triq Ħal Resqun, Wesgħet Anġlu Dalli, parti minn Triq San Mark, parti minn Triq William Baker, parti minn Triq il-Kbira, Triq Birżebbuġa u Triq Ħal Safi.

Il-Kunsill qabel li għalissa ma jidħola għall PPP rigward il-prġetti ta' toroq ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel ukoll li jressaq il-każ tiegħu dwar toroq li wiegħed li jagħmel il-Gvern Ċentrali ġewwa l-Gudja fi żmien il-Ministru Jesmond Mugliett meta kien xandar il-pogramm ta' toroq.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Is-Sur Baldacchino qal li quddiem il-Kunsill hemm programm ta' ħidma li jirrekjedi kuntratti ta' servizzi kif ukoll fornituri ta' materjal f'diversi forom. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li toħroġ sejħa skond il-proċedura stabbilita u l-liġi dwar il-Kunsilli Lokali dwar dawn is-servizzi u materjal meħtieġ.

a. Servizz ta' Perit arkitett li jagħmel xogħol professjonali ta' works manager dwar proġetti tal-Kunsill skond kif ikun meħtieġ.

b. Kuntrattur ta' Patching – provvista ta' materjal u xogħol

c. Kuntrattur ta' Major Patching – provvista ta' materjal u xogħol

d. Kuntrattur li jieħu ħsieb dawk l-inħawi mhux urbani (non urban areas)

e. Kuntrattur li jipprovdi l-konkos skond kif jitlob il-Kunsill minn żmien għal żmien

f. Kuntrattur dwar l-istreet lighting skond il-ħtiġijiet tal-Kunsill minn żmien għal żmien.

Minħabba li l-ħruġ ta' l-offerti jirrekjedi ħafna xogħol ta' preparazzjoni u proċessar, il-Kunsill qabel illi l-offerti dwar servizz ta' Perit, Kuntrattur tan-non urban areas kif ukoll dwar is-servizz dwar street lighting joħroġu fi żmien qasir.

Dwar il-kuntratt ta' knis, latrini u servizzi relatati, l-Kunsill qabel l jikkonsidra l-ħruġ ta' l-offerti wara li jagħmel laqgħa mal-Cleansing Department li jispjegaw x'servizzi jistgħu jagħtu u l-prezzijiet relattati dwar dawn il-xogħlijiet ta' ndafa li jkunu meħtieġa mill-Kunsill.

2.2.2 Is-Sur Baldacchino qal ukoll li issa wasal iż-żmien ukollli nerġghu noħorġu l-offerti dwar il-mini-pitches ġewwa Ġnien Raymond Caruana kif ukoll ġewwa l-Ġnien G. Cassar Ta' Xlejli.

2.2.3 Is-Sur Baldacchino qal li flimkien mas-Segretarju Esekuttiv kien attenda għall-seminar informattiv dwar il-liġi l-ġdida tal-Kunsilli Lokali fejn ingħataw tagħrif dwar il-liġi u proċedura li bijhom għandhom jimxi l-Kunsill waqt li jgħin lir-residenti.

2.2.4 Is-Sur Baldacchino qal ukoll illi l-pulizija għandha tissorvelja l-Gudja f'ħinijeit tal-lejl sabiex iwaqfu l-abbuż matul il-lejl kawżat minn sewwieqa barra mill-Gudja meta dawn jagħmlu storbju u sewqan aċċessiv.

Is-Sindku wieġeb li sejjer jiddiskuti dan ma' Spettur mid-distrett taż-Żejtun sabiex ikun hemm patrol matul il-lejl. Is-Sindku qal li f'bosta ġranet matul il-ġimgħa l-Għassa tal-Pulizija qegħda tkun miftuħa.

2.3.0 Kunsilliera

2.3.1 Anthony Dalli
a. Is-Sur Dalli għamel referenza dwar l-informazzjoni li tagħat l-ADT ta' min għandu permess dwar ir-reserved parking. Is-Sur Dalli qal li din l-informazzjoni għandu tiġi aġġornata kif meħtieġ.

b. Is-Sur Dalli informa lill-Kunsill illi wara li sar jaf mill-ġurnali li s-servizz tas-social services għan-nies tal-Gudja mhux sejjer jibqa' jingħata minn Raħal Ġdid iżjed, imma sejjer jingħata minn Ħal Luqa. Huwa flimkien mas-Segretarju Esekuttiv resqu l-ilment mad-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali Sur Mark Musu'. Bħala riżultat ta' dan, sejra ssir laqgħa mas-Sur Musu' nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2010 fl-10.30a.m. li fiha l-Kunsill sejjer ikun rappreżentat mis-Sindku s-Sur John-Mary Calleja, mill-Kunsillier li fid-dekasteru tiegħu għandu s-servizzi soċjali is-Sur Anthony Dalli u s-Segretarju Esekuttiv. Dwar l-eżitu ta' din il-laqgħa l-Kunsill jingħata aktar tagħrif fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

2.3.3 Mark-Anthony Sammut
a. Is-Sur Sammut qal li meta l-PO Bar ikun qed jiċċelebra l-25 anniversarju sejra ssir FunRun għall-kulħadd li minnha sejrin jinġabru fondi għall Fond ta' Puttinu Cares. Din sejra issir fil-31 ta' Jannar 2010 bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali Gudja.

Għal din l-attivita hemm il-ħtieġa ta' żewġ pulizija sabiex filwaqt jingħalqu t-toroq sabiex ikun hemm sigurta lill-atleti, tinżamm l-ordni meħtieġa u jitneħħew vetturi kif meħtieġ. Is-Sur Sammut qal li tkun ħaġa xierqa li l-Kunsill jagħti medalja ta' tifkira lil kull parteċipant.

Il-Kunsill ġie infurmat dwar ittra/poster li kien qed jiġi mibgħut lir-residenti kollha tal-Gudja dwar din l-attivita. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-attivita kif intqal aktar il-quddiem u li jħallas l-ispiza tal-pulizija u l-medalji għal dwar il-Fun Run.

b. PreCall – ERDF. Is-Sur Sammut qal li skond Memo 11/2010 sejra ssir possibli li jinkisbu fondi mill-Unjoni Ewropea għaċ-ċentri urbani. Il-Kunsill qabel li din tkun okkażjoni tajba sabiex fil-Gujdja jinħoloq proġett ta' mixja fil-kampanja fil-Gudja li tkun t'attrazzjoni turistika.

Dwar iċ-ċentru ruban li jista jikseb fondi, issemmew diversi inħawi li huma – Triq Santa Katarina, Triq Joseph Pace, Triq id-Dejqa, Triq Rużar Formosa, Triq William Baker.

Il-proġett tax-xelters li hawn ġewwa l-Gudja huwa wkoll ingredjent tajjeb fil-pakkett turistiku tal-Gudja. Għalhekk l-fondi huma meħtieġa sabiex dawn ix-xelters jiġu rranġati sabiex in-nies ikunu jistgħu iżuruhom bla ebda tfixkiel. Iz-zuntier tal-Knsija jista' ukoll jiġi inkluż f'dan il-proġett li jikseb il-fondi mill-Unjoni Ewropea.

Is-Sur Sammut qal li s-sejħa sejra ssir f'nofs Frar 2010 u l-applikazzjonijiet sejrin jagħlqu f'nofs April 2010.

c. Taħriġ mill-MEUSAC. Is-Sur Sammut qal li għaż-żmien li ġej l-MEUSAC sejra tagħti taħriġ dwar l-applikazzjonijiet dwar fondi mill-EU dwar il-proġetti li jkunu ta' fejda għal Kunsill.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 18410042118925 – Talba sabiex isir sleeping policman fi Triq Fidloqqom u ssiru tabelli rigward il-ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru sleeping policeman kif mitluba iżda għandhom isiru tabelli dwar sewqan bil-galbu u dwar il-ħmieġ tal-klieb li għandhom ifakkru li sid il-kelb għandu jnaddaf għaliex jekk ma jagħmilx hekk ikun hemm ksur tal-liġi u jeħel multa.

3.1.2 18410042118926 – Re: Talba sabiex isiru linji sofor fuq il-gemb tal-garaxx b'nru 60 fi Triq Sta Marija Gudja peress li meta jipparkjaw xi vetturi fuq il-gemb tal-garaxx, qed ikun diffiċli għas-sid il-garaxx biex jidħol u joħroġ bil-vettura tiegħu. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru linji sofor kif mitluba iżda jħoss li għanda tipprevali l-prudenza sabiex ħadd ma joħloq inkonvenjent lil ħadd.

3.1.3 18410042118929 – Talba sabiex isir tindif fit-triq li ddawwar il-ground tal-football minn gemb u qtugh ta' sigar fil-bandli minhabba li l-weraq qed jaghmlu ħsara u jħammeġ il-pitch tat-turf. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema assenjati tal-Kunsill.

3.1.4 1840902928301 – Talba għal lampa ġdida fejn Lorraine House fi Triq Birżebbuġa Gudja. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

3.1.5 Drain box quddiem dar nru 48 Triq Sta Katarina Gudja. Il-Kunsill huwa tal-fehma li din hija drain box ta' natura privata u flwaqt li jissinpatizza dwar dan l-ilment, iħoss illi s-sid għandu jagħmel din id-drain biex fuq sissien sodi u juża materjal b'saħtu li jiflaħ vetturi tqal li ħafna drabi qed jidħlu f'dawn l-inħawi fuq xogħol ta' kostruzzjoni.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Skedar ta' proprjeta – Ġnien tal-Kmand fi Triq Bir Miftuħ, Gudja. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar l-ittra tal-01 ta' Diċembru 2009 lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar min huwa s-sid preżenti ta' din il-proprjeta u dwar il-possibilta li l-

Kunsill jikseb kopja tal-kuntratt pubbliku li jindika t-titolu ta' min qed jokkupa u jiġġestixxi minn din il-proprjeta.

3.2.2 Traffic Lights Dawret il-Gudja – quddiem Triq BurĠlat. Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni tal-petizzjoni ta' bosta residenti u ta' l-ittra datata 01 ta' Diċembru 2009 li ntbagħtet lil Perit David Vassallo dwar il-ħtieġa ta' dawn it-traffic lights u li magħha kien hemm kopja tal-pettizzjoni u qabel li jkompli jagħmel pressjoni sabiex dawn it-traffic lights issiru mill-aktar fiss possibli peress li hemm ħafna nies li jagħmlu użu minn dawn l-inħawi u għalhekk dawn in-nies ikunu qed jiffaċjaw periklu żejjed u bla bżonn.

3.2.3 Arbitraġġ no M2134/2009. Il-Kunsill ra u qabel mal-kontenut ta' l-ittra ta' l-01 ta' Diċembru 2009 mibgħuta lil Dr Pawlu Lia sabiex ikun jista jassisti lill-Kunsill u ġie innotat li f'din l-istess ittra qed jiġi indikat li l-parti ta' triq fejn qed jiġi allegat li ġara l-inċident mhux fil-konfini tal-Gudja.

3.2.4 Press Conference dwar Villaġġ tal-Milied Tradizzjonali ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar din il-press conference u li qajmet interess dwar l-istess attivita li tat ġieħ lill-Gudja.

3.2.5 Milied Tradizzjonali fil-Gudja. Il-Kunsill ħa fil-konsiderazzjoni tiegħu l-kontenut tal-ittra datata 14 ta' Diċembru 2009 dwar li fil-ġurnata 20 ta' Diċembru 2009 mid-9.00a.m. sal-11.00p.m. ma' jkunx hemm traffiku u ipparkjar tal-vetturi f'dawk it-toroq kif imsemmija fl-istess ittra.

3.2.6 Tiżjien tal-Milied fir-roundabout ta' Dawret il-Gudja ħdejn Palazzo d'Aurel. Il-Kunsill qabel mal-kontenut tal-email mibgħuta lil Dr. Ronald Cuschieri f'isem l-ELC u qabel ukoll li jkun jista' isegwi l-iżviluppi f'dan u rigward anke għal festi tal-Milied 2010.

3.2.7 Bilanċ tal-leave f'siem Angelo Calleja. Il-Kunsill ra l-email datata 16 ta' Diċembru 2009 mibgħuta lis-Sur Martin Stivala f'isem l-IPSL, dwar bilanċ ta' leave ta 16-il-ġurnata u qabel li f'dan ir-rigward jimxi kif ikun ndikat mill-IPSL.

3.2.8 GAL Xlokk. Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni tal-emails mibgħuta lis-Sur S. Schembri u qabel li jsir dak kollu possibli sabiex jitħares l-interess tal-Gudja dwar finanzjament ta' proġetti mill-fondi Ewropej u li jagħti kull sapport lir-rappreżentatur tal-Kunsill Lokali Gudja f'din il-fondazzjoni GAL Xlokk.

3.2.9 Imtieħen tar-Riħ fil-Gudja. Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni tal-email datat 21 ta' Diċembru 2009 mis-Sur C. Vella qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex tiġi użata l-emblema tal-Gudja fil-ktieb li sejjer jiġi ippubblikat mill-istess Clifford Vella. Huwa ittamat li s-Sur C. Vella jagħti lil Kunsill kopja ta' dan il-ktieb bħala referenza.

3.2.10 Presepju fid-Djar ġewwa l-Gudja 2009. Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni ta' ittri li ntbgħatu lis-Sur C. Zammit, Familja Abela, Familja D'Amato, Familja Gatt, Familja Sammut, Familja Barbara, Familja Grixti sabiex jattendu għal prempjazzjoni nhar il-Ħadd 27 ta' Diċembru 2009 fis-6.30p.m.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 1586/09 Memo 75/2009. Il-Kunsill ġie nfakkar illi kull memo jiġi mgħoddi lill Kunsilliera kollha. Kull kunsillier huwa għalhekk inkorraġġut sabiex

jagħti r-rejazzjoni tiegħu skond kif il-memo tolqot id-dekasteru tiegħu fil-ħidma tal-Kunsill

3.3.2 1589/09 Kuntratt dwar ġbir ta' skart imħallat. Meta l-Kunsill jiġi biex jaġġudika sejħa għall-offerti maħruġa għandu jiġi ggwidat kif ġej:-

a. Il-vetturi kollha indikati mill-offerti rridu jkunu RCV (Refuse Collection Vehicles) li jkunu awtorizzati biex jiġbru skart mill-lokal.

b. Skond il-proċeduri dwar l-offerti tal-Kunsill Lokali (li huma maħruġa permess ta' avviż legali) it-tender guarantee trid tkopri l-perjodu u l-valur kollu tal-kuntratt.

3.3.3 1597/09 Skema Sports Kunsilli Lokali. Is-Sur N. Attard Direttur Gvern Lokali informa lill-Kunsill illi ma jsibx oġġezzjoni li l-attivita ġiet posposta għall-Jannar 2010 u li ma jintilef xejn mill-ko-finanzjament li għandu jiġi mill-KMS u Segretarjat Parlamenti involuti.

3.3.4 1608/09 Kuntratti dwar ġbir ta' skart imħallat. Minkejja dak li hemm stabbilit fil-proċeduri dwar l-offerti tal-Kunsilli Lokali, fil-każ tal-kuntratti ġodda dwar ġbir ta' skart imħallat, il-garanzija bankaja tat-tender (tender guarantee) għandha tinħadem fuq bażi ta' sena billi wieħed jieħu l-10% tal-valur kollu u jiddividieh b'erbgħa. Din id-direttiva qed tingħata sabiex jiġu evitati diffikultajiet inutli lill-kuntratturi u dan minħabba li l-perjodu tal-kuntratt il-ġdid ser ikun fuq erba' (4) snin.

Il-kuntratti fil-fażi li jiġu aġġudikati skond id-dokument il-ġdid jistgħu jiġi aġġustati billi jiġu infurmati l-kuntratturi li tefgħu l-offerta. Dan jibdel it-tieni paragrafu tal-ittra referenza 1589 kif indikat hawn fuq.

3.3.5 1609/09 Memo 76/2009 – Ħaddiema IPSL. Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni ta' dan il-memo speċjalment li f'dan il-kuntest m'għandu jsir l-ebda arranġament li permezz tiegħu jitnaqsu il-ħinijet normali tax-xogħol. Meta jinqalgħu xi diffikultajiet dawn għandhom jitresqu mall-ewwel lid-Dipartiment Gvern Lokali u fl-ebda ċirskutanzi m'għandhom isiru arranġamenti individwali.

3.3.6 1611/09 Malta Olympic Committee Local Council Sports Awards. L-MOC informa lill-Kunsill illi rċieva l-ittra datata 18 ta' Novembru 2009 rigward l-applikazzjoni għall-iskema ta' l-MOC Council Sports Awards.

3.3.7 1612 Annual event on Cohesion Policy 2007-2013. Il-Kunsill ħa nota ta' l-email tas-Sur Ian Zerafa, EU fund officer – Communications, Evaluation and Training Unit speċjalment dwar l-informazzjoni tinkiseb mis-site www.ppcd.gov.mt taħt it-tiema News and Activities Archives Link.

3.3.8 1614/09 Dettalji meħtieġa meta jitolbu servizz ta' dawl fit-toroq. Il-Kunsill ħa nota tal-email mill-Enemalta tal-25 ta' Novembru 2009. Malli tintbagħat l-ewwel applikazzjoni irid ikun fiha il-wattage u site plan li juri n-numru ta' lampi f'dik l-area li juri ċar fejn il-lampa proposta tkun trid li titwaħħal. Din is-site plan għandha tiġi stampata mill-PDF file provdut mill-Enemalta.

Il-Kunsill jista' jibgħat ittra formali jew email fuq customercare.emc@enemalta.com.mt għall-attenzjoni tal-Customer Care Section indikata sewwa "Talba għal Dawl ġdid fit-Triq" – "Request for new street lighting".

3.3.9 1615/09 Sekwestru Dr. Ivan Sammut vs Kumitat Konġunt. Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni ta' dan is-sekwestru u ġie infurmat li qegħdin jittieħdu passi sabiex dan jiġi irtirat peress li ħareġ bla bżonn peress li l-proċess dwar it-talba ta' Dr. I Sammut għadu miexi quddiem il-Qorti.

3.3.10 Memo 78/2009 Għeluq tas-sena finanzjarja. Is-sena fianzjarja spiċċat fil-31 ta' Diċembru 2009. Is-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali issa hija mill-01 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru (sena Kalendarja). Id-date (deadlines) li issa għandhom jinżammu fil-proċess kollu tal-awdituri huma dawn:-

Il-financial statements approvati mill-Kunsill u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv għandhom ikunu lesti sa mhux aktar tard mit-Tlieta 09 ta' Frar 2010 u lil Uditur rispettiv biex dan ikun jista jibda ix-xogħol tiegħu.

L-udituri tal-Gvern Lokali iridu jissottomettu r-rapport tagħhom flimkien mal-financial statements sat-Tlieta 30 ta' Marzu 2010.

L-uditur jista jitlob laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv sabiex jara l-minuti tal-laqgħat meta jidirlu l-aħjar sabiex jippjana l-proċess ta' verifika.

Jekk ikun hemm xi aġġustamenti xi jsiru, l-uditur tal-Gvern lokali għandu jiġbed l-attenzjoni tas-Segretarju Esekuttiv u jirritorna l-financial statments ħalli jsiru l-aġġustamenti neċessarji.

Il-financial statments u r-rapport ta' l-uditur tal-Gvern Lokali għandhom jintbagħatu lill-Awditur Ġenerali sa mhux aktar tard mit-30 ta' Marzu 2010.

L-ittra ta' direzzjoni (management letter) għandha tiġi diskussa f'laqgħa tal-Kunsill u s-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv għandhom, wara li jkunu ġabu l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali, lid-Direttur (Gvern Lokali) li Awditur Ġenerali sa mhux aktar tard mit-Tnejn 17 ta' Mejju 2010.

3.3.11 1620/09 Ħtiġijiet fil-Gudja Rapport Novembru 2009. Triq iż-Żebbuġa – nuqqas ta' marki tal-karreġjati sofor. Triq Bir Miftuħ – nuqqas ta' marki tal-karreġjati sofor. Triq Imgħasar – tabelli m'għandhom ċari.

3.3.12 1622/09 Money policy – 01 ta' Jannar sal-31 ta' Dicembru 2010. Il-Kunsill qabel li jħallas €63.00 sabiex iġedded din il-polza ta' assikurazzjoni dwar flus.

3.3.13 1638/09 MOC sports Awards. Il-Kunsill Lokali Gudja wieħed mid-disa' finalisti.

3.3.14 1643/09 GreenPak – it-tieni fażi tal-programm. Il-Kunsill qabel li jkompli bil-programm mal-GrennPak dwar is-separazzjoni ta' l-iskart u dwar l-edukazzjoni meħtieġa sabiex jikseb ir-riżultat li iżjed minn 35% ta' l-iskart ġewwa l-Gudja jiġi separat.

3.3.15 1644/09 Stedina – Kumitat Sezzjoni Gudja . Get Together l-Erbgħa 23 ta' Diċembru 2009 fil-Każin (PN) Gudja fis-7.30p.m. Il-Kunsill radd ħajr għal din l-istedina u sejrin jattendu kif mistiedna.

3.3.16 1646/09 Christmas Village – 20 ta' Diċembru 2009. Il-Kunsill ħa nota tal-email mingħand Noel Castillo u qabel li din l-attivita timxi skond dan il-programm u bl-ispejjeż imsemmija.

3.3.17 1647/09 Memo 81/2009.

a. Kopja ta' kull memo għandha tiġi mgħoddija lill-kunsilliera kollha.
b. L-avviżi u kwotazzjonijiet għandhom jiġu ippubblikati fil-gazzetta indikata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali darba fil-ġimgħa

L-awdituri ser ikunu qed jinnotaw dan fil-kors ta' xogħlhom.

3.3.18 1648/09 Memo 82/2009. Ftuħ ta' uffiċini amministrattivi. Il-Kunsill ħa nota tad-direttiva tad-Dipartiment Gvern Lokali li l-għada tal-Milied (26/12/2009) u l-għada ta' l-ewwel tas-sena (02/01/2010) għal din id-darba biss l-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill jistgħu jibqgħu magħluqa.

3.3.19 1651/09 Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill ħa nota tal-proġett tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ li qed jiltaqgħa fil-bini tal-Kunsill

3.3.20 1660/09 Triq il-Gudja, Gudja. Il-Kunsill ħa nota ta' l-email tas-Sur John Schembri Sindku ta' Ħal Luqa. Filwaqt li l-Kunsill jagħmel dak kollu possibli sabiex jimmantjeni din it-triq fi stat tajjeb, tant qed jagħddi traffiku li din saret tirq arterjali u għandu ukoll jiġi avviċinat l-ADT sabiex tgħin fil-manutenzzjoni ta' din it-triq.

3.3.21 1661/09 Tindif fil-lokalita Triq Ħal Tarxien. Il-Kunsill ħa nota ta' dak li kiteb is-Sur Mario Rodgers, Direttur Cleansing Services Department u qabel li jsir tindif kif meħtieġ.

3.3.22 1669/09 GAL Xlokk – AGM. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Esekuttiv jkompli jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali Gudja u li jkompli jħares l-aħjar interess tal-Gudja u tar-residenti tal-Gudja fi ħdan din l-istess Fondazzjoni GAL Xlokk.

3.3.23 Memo 84/2009. Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2010. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-memo u qabel li jagħmel dak kollu possibli sabiex jipparteċipa u jibbenefika minn dawn il-fondi li huma barra l-allokazzjoni diretta ta' matul is-sena 2010.

3.3.24 1676/09 Arbitraġġ nru M2134/2009. Il-Kunsill qabel li Dr. P. Lia jkun l-Avukat difensur għan-nom tal-Kunsill Lokali Gudja.

3.3.25 1678/09 Allokazzjoni Finanzjarja 2010. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-allokazzjoni fnanzarja ta' €244,489 hija imqassma skond il-funzjonijiet segwenti:-

| | |
|---|---|
| Parki, ġonna u soft areas | €13,941 |
| Manutenzzjoni ta' toroq | €75,052 |
| Immaniġjar tal-iskart | €54,724 |
| Nefqa għall-amministrazzjoni | €78,857 |
| Fond għall-aġġustament | €9,210 |
| Ammont allokat għal 'tipping fees' | €12,705 |

3.3.26 1682/09 Riċerka dwar l-imtieħen tar-Riħ. Il-Kunsill ħa nota tal-email datata 10 ta' Diċembru 2009 u qabel li jagħti permess sabiex Clifford Vella

jippubblika l-arma tal-Gudja u li jżomm ħaj il-kuntatt dwar l-istorja tal-Mitħna tar-Riħ fil-Gudja.

3.3.27 1689/09 Knisja Aċċessibbli. Il-Kunsill ħa nota tal-ittra datata 07 ta' Diċembru 2009 mibgħuta mill-Arċipriet Fr. Martin Cardona u qabel li japplika mal-ADT dwar din it-talba u li jikseb il-permessi kif ikun meħtieġ.

a. Ir-rampa ta' ħdejn il-kampnar l-antik titkompla biċ-ċangatura għal-livell tat-triq
b. Isir hand rail għall-istess rampa
c. Il-parking ta' ħdejn din ir-rampa jkun reserved.

3.3.28 1695/09 Quotation no Q09022104P2. Il-Kunsill ħa nota tal-email tas-Sur Paul Sammut f'isem id-ditta MMCL fejn qed jingħad li bi żball kien ġie ikwotat għat-twieqi tal-aluminium u mhux l-istanless steel manholes u qabel li jimxi skond kif intqal fil-kommunikazzjoni mis-Sindku

3.3.29 1698/09 Fondazzjoni GAL Xlokk. Il-Kunsill ra l-kontenut tal-email datata 15 ta' Diċembru 2009 mis-Sur Silvio Schembri dwar d-Decision Committee għas-sena 2010.

3.3.30 LEON promotions – Christmas village Promozzjoni u affarijiet oħra. Il-Kunsill ħa nota tal-email datata 14 ta' Diċembru 2009 u qabel li jkompli jsegwi dawn l-arranġamenti sabiex din l-attivita tirnexxi u li tkun ta' suċċess.

3.3.31 1701/09 Christmas lighting/Environmental Landscapres Consortium. Dawl tal-Milied fir-roundabout ta' Dawret il-Gudja ħdejn Palazzo d'Aurel. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut tal-email datata 16 ta' Diċembru 2009 u qabel li jagħmel dak kollu possibli sabiex għall-futur din ir-roundabout tkun imżejna u tkun tixgħel kif tixraq u bħal ma' jsir f'roundabouts fi bnadi oħra ta' Malta u Għawdex.

3.3.32 1702/09 ECAD – Konferenza f'Għawdex bejn il-21 u t-23 t'April 2010, sabiex issaħħaħ il-koperazzjoni u x-xogħol li jsir bjen il-lokalitajiet Ewropej membri ta' din l-organizzazzjoni kontra l-abbuż tad-droga.

3.3.33 1703/09 Memo 85/2009. Posta eletronika għal kull kunsillier. Il-Kunsill ġie infurmat dwar li fil-ġranet li ġejjin kull kunsillier kien sejjer jingħata envelope issiġillat li jkun fih l-email address l-username u l-password personali sabiex kull kunsilier ikollu posta eletronika.

Il-ħlas tal-email accounts ser isir mil-fondi tal-Kunsill Lokali Gudja u mhux mill-allowance tal-Kunsillier.

3.3.34 1704/09 – Vacation leave Angelo Calleja. Il-Kunsill ġie nfurmat bl-email tas-Sur Martin Stivala IPSL Human Resources Manager li 10 t'ijiem tal-vacation leave preżenti jistgħu jiġu trasferiti għas-sena 2010 u dawn għandhom jiġu utilizzati sat-30 t'April 2010.

L-ebda trasferiment tal-leave ma jiġi awtorizzat mis-sena 2010 għas-sena 2011.

3.3.35 1708/09 Xjenza fil-Kommunita. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dan il-proġett tal-Malta Council for Science and Technology, Villa Binghi, Kalkara tel: 21660340 Fax: 21660341

3.3.36 1711/09 Bord ta' l-Appell dwar l-ippjanar Avviż tas-smiegħ PA6268/03 13 ta' Jannar 2010 Apprell Nru 13/06

3.3.37 1716/09 BOV ATM Gudja MEPA application No 6125/08. Il-Kunsill qabel li jsegwi l-iżvilupp dwar din l-applikazzjoni.

3.3.38 1724/09 Memo 87/2009. Kuntratti minn Kunsill Lokali mal-iskema għall-ġbir ta' skart separat. Il-Kunsill ġie infurmat illi t-terminu tal-kuntratt ma jkunx aktar mill-31 ta' Diċembru 2011.

3.3.39 1729/09 Ombudsman/Water Services Corporation Case No J0316. Soluzzjoni dwar l-ilment ta' drenaġġ li kien qed ifur fid-djar ta' residenti fi Triq Ħal Għaxaq u nħawi fil-viċin, Gudja. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-ittra tal-Ombudsman datata 19/11/2009 u dik tal-WSC datata 04/11/2009 fejn qed jintqal lil-kuntratt għax-xogħol remedjabbli ingħata fit-03 ta' Novembru 2009.

3.3.40 1734/09 Memo 88/2009. Seminar Informattiv u tqassim tal-liġi l-ġdida, il-Ġimgħa 08 ta' Jannar 2010. Il-Kunsill ġie infurmat li għal din il-laqgħa kienu preżenti l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv. Kemm is-Sindku kif ukoll kull kunsillier u ħaddiema klerikali tal-Kunsill ingħataw kopja tal-liġi l-ġdida.

3.3.41 1737/09 Dr. Ivan Sammut vs Kunsill Lokali Żejtun Ċitazzjoni Nru 1201/2009 Onor Imħallef Joseph R. Micallef. Il-Kunsill ħa nota li din il-kawża li għandha x'taqsam mal-Kumitat Konġunt LES issa hija għas-smiegħ ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2010 fl-10.00a.m.

3.3.42 1738/09 Memo 89/2009 Allowance lill-Kunsilliera. Il-Kunsill ġie nfurmat illi b'effett mill-01 ta' Jannar 2010 kull kunsillier (inkluż Sindku u Viċi-Sindku) ser jibda jingħata allowance €1200 sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż inkorsi fil-qagħdi ta' dmirijietu. Il-ħlas tal-allowance sejjer issir permezz ta' żewġ pagamenti ta' €600-il wieħed u għandhom jitħallsu fl-aħħar ta' Ġunju u fl-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena.

Il-Kunsill ġie infurmat lil-ħlas ta' din l-allowance ser ssir bil-kundizzjonijiet fosthom li il-ħlas tal-allwoance huwa akkont mal-attendenza tal-laqgħat tal-Kunsill. Pero ma jsirx tnaqqis mill-allowance jekk kemm il-darba Kunsillier jagħti raġuni valida għall-assenza tiegħu minn xi laqgħa u din ir-raġuni tiġi aċċettata mill-Kunsill u titniżżel fil-minuti.

Ir-raġuni għall-assenza trid tingħata bil-miktub mill-Kunsillier lis-Segretarju Esekuttiv u dan għandu jressaq tali raġuni għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill. Kopja ta' din l-ittra għandha tinżamm mal-minuti.

3.3.43 1739/09 Memo 90/2009. Skemi ta' fondi speċjali 2010. Il-Kunsill ġie nfurmat bl-iskemi ta' fondi speċjali u dwar l-għajnuna finanzjarja li ser tingħata fis-sena 2010.

a. Skema ta' finanzjament għall-attivitajiet kulturali

b. Skema ta' finanzjament għall-attivitajiet sportivi għall-kulħadd

c. Risk assessment dwar il-policy ta' playing fields u ġonna

d. Skema ta' ko-finanzjament għal proġett tal-EU

e. Skema ta' finanzjament għall-aċċessibilita f'postijiet pubbliċi

f. Skema ta' finanzjament għall-enerġija nadifa

g. Skema ta' finanzjament għal proġet pilota għat-toroq fil-lokalitajiet tal-Madliena, Imqabba u Kirkop.

h. Public Private Partnership fuq toroq

i. skema ta' finanzjament għal proġetti speċjali f'Kunsilli żghar.
Dan il-fond hu immirat biex lokalitajiet żgħar (b'anqas minn 5000 persuna) jagħmlu ċerti proġetti li ma jistgħux jagħmlu bil-budget normali tagħhom. Dan għaliex ukoll il-lokalitajiet iż-żgħar bil-formola l-ġdida tal-allokazzjoni żdiedu b'perċentwali inqas mil-lokalitajiet il-kbar.

j. Skema ta' finanzjament lil lokalitajiet bi bżonnijiet partikolari.

k. Fond għal-libreriji.
Ser tingħata għajnuna addizzjonali biex jinxtraw kotba għal libreriji lokali lil dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom devoluzzjoni tal-Librerija lokali.

l. Inizjattiva ta' lifelong learning
Ser tingħata għajnuna sabiex il-Kunsilli Lokali jorganizzaw numru ta' korsijiet b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni liema korsijiet ikunu mmirati lejn diversi sezzjonijiet tar-residenti.

m. Skema ta' finanzjament għat-tneħħija ta' aerials tat-television minn fuq il-bjut.

n. Għajnuna għat-tħawwil ta' siġar

o. Skema ta' finanzjament għal inizjattivi fil-qasam soċjali. F'din l-ewwel skema l-aħjar 10 proġetti ser jingħataw għajnuna finanzjarja. Il-proġetti jistgħu jkunu fil-qasam ta' child care, anzjani, persuni b'diżabilita etc.

p. Skema ta' finanzjament għal ħidma mat-tfal li jfallu l-iskola

q. Skema ta' finanzjament għal-ħidma għal-lokalitajiet ndaf.
Minn Mejju sa Settembru l-Kunsilli jagħmlu kampanja edukattiva dwar l-indafa u diversi attivitajiet mal-għaqdiet tal-lokal immirati lejn lokalitajiet indaf. Matul ix-xhur tas-Sajf għandhom jinħolqu sensiela ta' attivitajiet marbuta mal-indafa.

Jiġi premjati l-aktar lokalita ndaf u dik il-lokalita li tħaddem l-aħjar kampanja ta' edukazzjoni u tagħmel l-aħjar attivita.

r. Green challenge Award u Enterprise Support Award.

s. Skema ta' finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar

t. Skema ta' finanzjament għal-lokalitajiet sostenibbli.

u. Skema ta' finanzjament għall-pjazez u ċentri storiċi.
Dalwaqt toħroġ il-'precall' għal proġetti biex jiġu rranġati pjazez jew ċentri storiċi tal-lokalitajiet. Ser jiġi vvutati €2 miljuni li għnadhom iwasslu biex bejn 6 u 7 pjazez jiġu rranġati. Dawn ġejjin mill-fondi tal-Unjoni Ewropea.

v. Festival Ġemellaġġi

w. Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li jkunu nvoluti fl-organizazzjoni ta' attivitajiet mill-Gvern Ċentrali fuq skala nazzjonali.

x. Għajnuna biex jinżamm f'Malta konferenzi minn Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill jaqbel li jitfa u jżomm l-attenzjoni tiegħu fuq fondi msemmija fejn ikun jista jibbenefika u jkun ta' fejda għal Gudja u residenti tal-Gudja.

**4.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate**

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit iċċertifika li sar xogħol tajjeb kif miftiehem fi Triq il-Palma u Triq il-Mitħna li huma konsiderati bħala phase one. Il-Kunsill approva li jsir il-pagament kif mitlub u li jżomm bilanċ sabiex tinħoloq il-garanzija meħtieġa.

4.2 Partijiet oħra ta' toroq fil-Housing Estate għandu jsir fuq sistema 'major patching' skond il-prijorita ta' xogħol meħtieġ u kif jippermettu l-finanzi tal-Kunsill.

**5.0 Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2009/2010 (rapport)**

5.1 Is-Sur R. Baldacchino filwaqt li qal li kien jinforma lill-Kunsill f'ismu kif ukoll f'isem il-Kunsillier is-Sur O. Pace, ta d-dettalji ta' l-attivitajiet li saru ġewwa l-Gudja. L-attivita ewlenija kienet dik ta' Villaġġ tal-Milied ġewwa l-Gudja li sar il-Ħadd 20 ta' Diċembru 2009. Is-Sur R. Baldacchino qal li għalkemm it-temp ma kienx tant sabiħ u sfratta parti minn din l-attivita, din l-attivita kienet suċċess peress li r-residenti u stabbilimenti ġewwa l-Gudja u nies barra mill-Gudja faħħru din l-attivita u diġa bdew jitkellmu kif if-sena d-dieħla għandha ssir attivita simili u bi preparazzjoni ferm minn qabel sabiex wieħed ikun jista jipprepara ukoll kontra l-elementi.

5.2 Is-Sur Baldacchino semma li fil-programm ta' din is-sena kien hemm ukoll in-nattivita fix-xelter tal-Paċi ġewwa l-Gudja. Dan ukoll kien suċċess għaliex żaruħ nies kemm adulti mill-Gudja u barra l-Gudja fosthom turisti li żaru l-Gudja kif ukoll tfal ta' l-iskola Primarja waqt serata li għamlu wara l-bibien ta' l-anzjani rispettivi u ż-zjara fix-xelter tal-Paċi saret meta t-tfal flimkien ma' l-għalliema u l-Kap ta' l-iskola s-Sur Noel Calleja tagħhom, għaddew minn quddiem il-bini tal-Kunsill Lokali Gudja.

5.3 Is-Sur Baldacchino qal ukoll li l-iSkola Primarja Gudja, Kulleġġ San Beneditu ħadet parti diretta meta t-tfal ġew imħarġa mis-Sur Charles Zammit kif b'mod sempliċi u mingħajr ħafna spejjeż jagħmlu presepju sabiħ għalihom u għall-familja.

5.4 Is-Sur Baldacchino qal ukol illi l-kompetizzjoni tal-Presepju Tradizzjonali ġewwa d-djar fil-Gudja ukoll kienet suċċess. Waqt reċiviment żgħir s-Sindku s-Sur Calleja qassam it-tifkiriet lil dawk li ġew fl-ewwel, it-tieni u t-

tielet u irringrazzja lil kull parteċipant u lil kull min ħadem sabiex issir din il-kompetizzjoni u rringrazzja b'mod speċjali lil membri tal-ġurija esperta f'din il-qasam. Ir-rebbieħa kienu dawn:-

a. L-ewwel post – Sur Alessio Barbara
b. It-tieni post – Sur Gużi Grixti
c. It-tielet post – Sur Charles Zammit

5.5 Is-Sur Baldacchino temm billi qal li l-Kunsill huwa grat ukoll għal ko-operazzjoni tal-Paroċċa speċjalment lejn l-Arċipriet Fr. Martin Cardona għaliex bil-koperazzjoni tiegħu mal-Kunsill seta' jagħmel Santa Clause House fi Triq l-Annunzjata kif ukoll li fil-Knsija ittella kor bl-orkestra u li l-Knisja kienet ukoll post tajjeb li żaru n-nies bl-akbar qima u sodisfazzjon matul il-Festi tal-Milied.

5.6 Bħala parti mil-programm tal-Milied is-Sur Baldacchino semma ukoll it-tiżjien fit-toroq ewlenin tal-Gudja li sar miż-żewġ każini tal-Baned bil-kollaborazzjoni u finanzjament tal-Kunsill.

5.7 Is-Sur Baldacchino qal li jixtieq jirringrazzja lis-Sindku għas-sapport tiegħu kif ukoll lill-Kunsilliera kollha u lil dawk il-persuni oħrajn kemm impjegati tal-Kunsill u nies oħra li ħadmu u għenu kemm felħu sabiex dawn l-attivitajiet kienu ta' sodisfazzjoni kbir għar-residenti kollha tal-Gudja.

**6.0 Konfini tal-Gudja**

6.1 Il-Kunsill ġie nfurmat kif is-Sinkdu, l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv saru jafu illi kien hemm żewġ applikazzjonijiet mal-MEPA dwar il-Menħir u Salib tal-Ġebel (salib tal-limiti) li jinsabu fil-konfini tal-Gudja, kienu sejrin jiġu restawrati.

6.2 Il-Kunsill kiseb informazzjoni ukoll dwar kif il-Kunsill Lokali Ħal Luqa kien applika u kien sejjer jingħata fondi ta' €9000 taħt skema mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwr ir-restawr ta' siti storiċi.

6.3 Il-Kunsill qabel illi jagħmel kull rappreżentazzjoni kemm mad-Direttur tal-Gvern Lokali kif ukoll ma' Chris Said Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Kunsilli Lokali sabiex dan ix-xogħol kif ukoll il-fondi approvati jgħaddu għand il-Kunsill Lokali Gudja sabiex ikompli b'dan il-proġett li jinsab fil-konfini tal-Gudja.

6.4 Il-Kunsill qabel li jħallas l-ispejjeż li setgħu saru s'issa mill-Kunsill Lokali Luqa dwar dan il-proġett.

6.5 Il-Kunsill Lokali Gudja osserva li ma jistax iħalli lil ħadd li jidħol fil-konfini tal-Gudja kif stabbiliti u jagħmel tiegħu affarijiet jew spazji li l-Kunsill tal-Gudja diġa qed jikkonsidra li jiffurmaw parti mill-pakkett turistiku kif ukoll fil-mixjiet fil-kampanja ta' madwar il-Gudja.

6.6 Il-Kunsill qabel ukoll illi irrispettivament minn dak li sejjer joħroġ dwar dak li għamel il-Kunsill ta' Ħal Luqa dwar il-Menħir u s-Salib, il-Kunsill għandu jipprepara pjan dwar kif il-konfini għandhom jiġu rranġati sabiex jiġi stabbilit sewwa u bla ebda dubju dwar il-pożizzjoni tal-Malta International Airport li għandha tkun Gudja u postijiet oħra bħal Knisja ta' Loretu u nħawi oħra madwar il-Gudja.

6.7 Il-Kunsill huwa tal-fehma li mill-Gudja ħarġu s-seba' parroċċi oħra u ma jistax ikun illi xi paroċċi li ħarġu mill-Gudja ikunu huma stess li jieħdu il-Wirt Storiku u Wirt Naturali tal-Gudja.

6.8 Is-Sur Baldacchino ikkonferma li l-Kunsill sejjer ikompli jagħmel dak kollu possibli sabiex ma jitlifx l-opportunita li kemm il-Menħir kif ukoll is-Salib tal-limiti jiġu restawrati u protetti bil-fondi tal-Gvern Lokali.

**7.0 Finanzi**

7.1 Petty Cash. Il-Kunsill ra u apporva n-nefqa ta' €85.34 għax-xahar ta' Novembru 2009 kif preżentata lill-Kunsill.

7.2 Skeda ta' pagamenti. Il-Kunsill ra u apporva n-nefqa ta' €50,417.99 għax-xahar ta' Diċembru 2009 kif preżentata lil Kunsill u dan wara spjegazzjoni kif mitluba mill-Kunsilliera preżenti.

7.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

7.3.1 Il-Kunsill qabel li s-Sur Charles Zammit jixtri xi affarijiet żgħar (nefqa kontrollata u limitata) dwar affarijiet tat-tiżjin tal-Milied u dan bħala preparazzjoni għal Milied 2010 li ġej.

7.3.2 Il-Kunsill qabel li jinxtraw żewġ siġġijiet għall-uffiċċju tas-Sindku.

**8.0 Għeluq tal-laqgħa**

8.1 Attivita tal-PO Bar/Puttinu Cares fil-31 ta' Jannar 2010. Is-Sur Sammut fakkar dwar din l-attivita u dwar il-programm li tqassam fid-djar tar-residenti tal-Gudja.

Is-Sur Sammut ta' indikazzjoni tar-rotta li sejra timxi l-fun run u dwar l-inħawi ġewwa l-Gudja li għandhom ikunu ħielsa mit-traffiku u parking waqt dan il-jum.

Is-Sindku qal li għandu javviċina lil l-iSpettur tal-Pulizija Żejtun sabiex jikseb kemm skorta ta' Pulizija tat-traffiku u ukoll pulizija tal-Għassa u patrol u dan kemm jista' ikun bl-anqas spiża possibli għall-Kunsill u li tingħata s-sigurta meħtieġa.

Is-Sindku talab lis-Sur Sammut sabiex itih d-dettalji kollha meħtieġa sabiex ikompli jsegwi dawn il-preparamenti mal-Korp tal-Pulizija.

8.2 Skip bil-pedala. Is-Sur Sammut irrimarka li l-iskip li hemm fi Triq San Ġorġ hija mingħajr pedala. Il-Kunsill qabel li ttieħed azzjoni kif ikun meħtieġ.

8.3 Triq aktar sigura għan-nies tal-Gudja meta jmorru l-MIA. Is-Sur Sammut irrimarka li l-Kunsill għandu jitlob lil MIA li peress issa neħħiet kull bankina u aċċessibilita għal min jidħol fl-inħawi tal-ajruport, sabiex l-MIA għandha tirranġa t-triq li mill-Gudja tagħti għad-dħul ta' l-ajruport (mingħajr ma taqsam it-triq maġġura), u li jkun fiha dawl xieraq u bankina sabiex jiġu mħarsa l-pedestrians.

Il-Kunsill qabel li jikteb lil MIA dwar dawn il-ħtiġijiet li wara kollox saru urġenti peress li l-MIA ħadet kull bankina u ma tagħat l-ebda sigurta għal min irid imur l-ajruport bil-riġel.

8.4 Sinjali ta' parkeġġ f'side area fi Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku qal li peress qed issir parkeġġ bl-addoċċ hemm il-ħtieġa li side area f'din it-triq tiġi mnaddfa u rranġata sabiex isiru kaxxi bojod u kaxxa ħadra (għar-residenti tal-Gudja, speċjalment għal min jaħdem ir-raba' fil-qrib) u b'hekk jitneħħa l-perikolu ta' parkeġġ ħażin. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku.

8.5 Tabelli. Is-Sindku qal li huwa meħtieġ li jinxtraw u jitwaħħlu tabelli fejn meħtieġ li juru l-triq tkun tagħlaq u li jiġu mibdula tabelli qodma u li jitwaħħlu tabelli kif ikun meħtieġ. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku.

8.6 Laqgħa pubblika. Is-Sibt 30 ta' Jannar 2010 fit-3.30p.m.

Is-Sindku qal li skond il-povediment tal-Artikolu 70 (1) ta' l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali, l-Kunsill għandu isejjaħ laqgħa tal-lokalita' tal-Gudja u din għandha tinżamm qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja li ġejja, li din is-sena ġiet stabbilita li tibda mill-01 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010.

Wara konsultazzjoni pubblika mar-residenti, l-Kunsill għandu iħejji Pjan ta' Ħidma ta' tlett snin li jkun rivedibbli.

L-Agenda għal-laqgħa annwali tal-Gudja sejra tinkludi rapport amministrattiv fuq l-andament tal-Kunsill mautl is-sena 2009 (li din is-sena kienet ta' 9 xhur) u pjan ta' attivita għas-sena 2010.

Is-Sindku ikun ic-Chairman tal-laqgħa tal-lokalita tal-Gudja u s-Segretarju Esekuttiv iżomm il-minuti tal-proċedimenti tal-laqgħa.

Il-minuti ta' din il-laqgħa għandhom jiġu diskussi mill-Kunsill matul l-ewwel laqgħa tal-Kunsill li tiġi wara l-laqgħa tal-lokalia' u l-Kunsill għandu jieħu azzjoni dwar dawk l-ilmenti u suġġerimenti kif iqisi li jkun xieraq.

Kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera kollha qablu li din il-laqgħa ssir nhar is-Sibt 30 ta' Jannar 2010 fit-3.30p.m. fil-bini amministrattiv tal-Kunsill u li tingħata l-pubbliċita meħtieġa sabiex kemm jista' jkun ir-residenti tal-Gudja jattendu u jipparteċipaw f'din il-laqgħa pubblika.

8.7 Laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali Gudja tkun is-Sibt 30 ta' Jannar 2010 fis-2.00p.m. skond l-agenda li tiġi ċirkulta qabel il-laqgħa.

8.2 Il-laqgħa spiċċat fid-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Esekuttiv | Sindku |